

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 211/2014

tal-24 ta' Ottubru 2014

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2015/1435]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 217/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 fir-rigward tas-Salmonella fil-karkassi tal-ħnieżer (⁽¹⁾) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward il-kwistjonijiet veterinarji u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji u l-prodotti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif spċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) L-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE għandhom għalhekk jiġi emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 52 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005) tal-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"— **32014 R 0217:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 217/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 (ĠU L 69, 8.3.2013, p. 93)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzj (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32014 R 0217:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 217/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 (ĠU L 69, 8.3.2013, p. 93)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 217/2014 bil-lingwa Iż-żandek u b'dik Norveġija, li għandhom jiġi ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 69, 8.3.2014, p. 93.

^(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonal ma huwa indikat.